MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 61/2003

**Jupiter Co. Ltd.**

**vs**

**Christopher Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija tmienja u disghin Lira Maltin (Lm898.00), rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut fuq il-bejgh ta' dghajsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tal-25 ta' Settembru 2002 u tal-5 ta' Novembru 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-hlas eventwali ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma dehrx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Veronica Gauci rapprezentanta tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha  konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija tmienja u disghin Liri Maltin (Lm898.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------